VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,526, 24 ta' Ottubru, 2025
Taqsima B

A.L. 258 tal-2025

ATT DWAR IS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IX-XOGĦOL (KAP. 646)

Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema mir-Riskji li jinħolqu meta persuna tkun esposta għall-Asbestos fuq il-Post tax-Xogħol

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 45 tal-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol, il-Ministru responsabbli għas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema mir-Riskji li jinħolqu meta persuna tkun esposta għall-Asbestos fuq il-Post tax-Xogħol u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema mir-Riskji li jinħolqu meta persuna tkun esposta għall-Asbestos fuq il-Post tax-Xogħol hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali".

L.S. 646.15.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (2) tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jipproteġi ħaddiema mir-riskji għal saħħithom, inkluża l-prevenzjoni ta' tali riskji, li jirriżultaw jew li x'aktarx jirriżultaw mill-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol. Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu valuri ta' limitu u rekwiżiti speċifiċi oħra. Dawn ir-regolamenti jittrasponu wkoll id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2023/2668 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2023 li temenda d-Direttiva 2009/148/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol.".

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali t-tifsira

"asbestos" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "asbestos" tfisser is-silikati fibrużi li ġejjin, li huma klassifikati bħala karċinoġeni 1A skont l-Anness VI, il-Parti 3 għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006:

(a) Asbestos, Aċtinolit, CAS Nru 77536-66-4;

(b) Asbestos, Amosit (grunerit), CAS Nru 12172-73-5;

(ċ) Asbestos, Anthofillit, CAS Nru 77536-67-5;

(d) Asbestos, Krisotil, CAS Nru 12001-29-5;

(e) Asbestos, Kroċidolit, CAS Nru 12001-28-4;

(f) Asbestos, Tremolit, CAS Nru 77536-68-6;".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(1) Fil-każ ta' kwalunkwe attività li x'aktarx tinvolvi riskju ta' espożizzjoni għat-trab li jirriżulta mill-asbestos jew materjali li jkun fihom l-asbestos, dan ir-riskju għandu jiġi valutat b'tali mod li tiġi stabbilita n-natura u l-grad tal-espożizzjoni tal-ħaddiema għat-trab li jirriżulta mill-asbestos jew minn materjali li jkun fihom l-asbestos u li tingħata prijorità lit-tneħħija ta' asbestos jew materjali li jkun fihom l-asbestos minn forom oħra ta' trattament tal-asbestos.";

(b) fis-subregolament (2) tiegħu l-kliem "Iżda l-esposizzjoni għandha tkun sporadika u ta' intensità baxxa, u meta jkun ċar mir-riżultati ta' l-evalwazzjoni tar-riskju imsemmija fis-subregolament (1) illi l-limitu ta' esposizzjoni għall-asbestos fl-arja ta' fejn ikun qed isir ix-xogħol ma jkunx ser jinqabeż, ir-regolamenti 4, 12, 13(2), 14 u 15 ma jiġux applikati fejn ix-xogħol ikun jinvolvi:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Diment li l-espożizzjoni tal-ħaddiema tkun sporadika u ta' intensità baxxa, u jekk ikun ċar mir-riżultati tal-valutazzjoni

tar-riskju msemmija fis-subregolament (1) li l-limitu tal-valur rilevanti kif stabbilit fir-regolament 8 mhux se jinqabeż fl-arja taż-żona tax-xogħol, ir-regolamenti 4, 12, 13(2), 14 u 15 ma għandhomx ikunu applikabbli meta x-xogħol jinvolvi:".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

5. Il-paragrafu (b) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subparagrafu (i) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subparagrafu ġdid li ġej:

"(i) fejn jinsab is-sit tax-xogħol u, fejn rilevanti, iż-żoni speċifiċi fejn għandu jitwettaq ix-xogħol;";

(b) is-subparagrafu (iii) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subparagrafu ġdid li ġej:

"(iii) l-attivitajiet u l-proċessi involuti, inkluż fir-rigward tal-protezzjoni u d-dekontaminazzjoni tal-ħaddiema, ir-rimi tal-iskart u, fejn rilevanti, ventilazzjoni waqt attivitajiet fi spazji magħluqa;";

(ċ) is-subparagrafu (iv) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subparagrafu ġdid li ġej:

"(iv) in-numru ta' ħaddiema involuti, lista tal-ħaddiema li x'aktarx jiġu assenjati fuq is-sit ikkonċernat, iċ-ċertifikati ta' taħriġ individwali tal-ħaddiema u d-data tal-aħħar valutazzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema skont r-regolament 16;"

(d) minnufih wara is-subparagrafu (vi) tiegħu għandu jiġi miżjud il-paragrafu ġdid li ġej:

"(vii) miżuri meħuda, inkluża ħarsa ġenerali tat-tagħmir użat sabiex jillimitaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għall-asbestos;".

Jissostitwixxi r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

6. Ir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi

sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"Limitazzjonijiet.

6. Għall-attivitajiet kollha msemmija fir-regolament 1(3), l-espożizzjoni ta' ħaddiema għal trab li jirriżulta mill-asbestos jew minn materjali li jkun fihom l-asbestos fuq il-post tax-xogħol, għandha titnaqqas għal minimu u fi kwalunkwe każ, għall-aktar livell baxx teknikament possibbli taħt il-limitu tal-valur rilevanti stabbilit fir-regolament 8, b'mod partikolari permezz tal-adozzjoni tal-miżuri li ġejjin:

(a) in-numru ta' ħaddiema esposti jew x'aktarx li jkunu esposti għat-trab li ġej mill-asbestos jew minn materjali li jkun fihom l-asbestos għandu jkun limitat għall-figura l-aktar baxxa possibbli;

(b) il-proċessi tax-xogħol għandhom ikunu disinjati sabiex ma jipproduċux trab tal-asbestos jew, jekk dan ikun impossibbli, li jiġi evitat ir-rilaxx ta' trab tal-asbestos fl-arja billi jittieħdu miżuri bħal:

(i) is-soppressjoni tat-trab tal-asbestos;

(ii) il-ġbid tat-trab tal-asbestos fis-sors;

(iii) is-sedimentazzjoni kontinwa tal-fibri tal-asbestos sospiżi fl-arja;

(ċ) il-ħaddiema għandhom ikunu soġġetti għal proċedura xierqa ta' dekontaminazzjoni;

(d) protezzjoni adegwata għandha tiġi żgurata għal xogħol imwettaq f'post magħluq;

(e) il-postijiet kollha u t-tagħmir involut fit-trattament tal-asbestos għandhom ikunu jistgħu jitnaddfu u jiġu miżmuma regolarment u effettivament u għandhom ikunu soġġetti għal tindif u manutenzjoni regolari;

(f) l-asbestos jew materjali li fihom l-asbestos li jiġġenera t-trab għandu jinħażen u jiġi trasportat f'pakketti ssiġillati xierqa kif approvati mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għal tali għan;

(g) l-iskart għandu jinġabar u jitneħħa mill-post tax-xogħol kemm jista' jkun malajr f'pakketti ssiġillati xierqa b'tikketti li jindikaw li jkun fihom l-asbestos skont il-liġijiet u r-regolamenti li jirregolaw ir-rimi ta' materjal tossiku u perikoluż.".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

7. Ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(1) Skont ir-riżultati tal-evalutazzjoni inizjali tar-riskju, u sabiex tiġi żgurata konformità mal-limitu tal-valur rilevanti stabbilit fir-regolament 8, il-kejl tal-fibri tal-asbestos fl-arja fil-post tax-xogħol għandu jitwettaq f'intervalli regolari matul fażijiet operattivi speċifiċi.";

(b) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(2) It-teħid tal-kampjuni għandu jirrifletti l-espożizzjoni personali tal-ħaddiem għal trab li jirriżulta mill-asbestos jew minn materjali li jkun fihom l-asbestos.";

(ċ) is-subregolament (5) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(5) It-tul ta' żmien ta' teħid tal-kampjuni għandu jkun b'tali mod li l-espożizzjoni rappreżentattiva tista' tiġi stabbilita għal perjodu ta' referenza ta' tmien (8) sigħat, xift wieħed, permezz ta' kejl jew kalkoli peżati skont il-ħin.";

(d) is-subregolament (6) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(6) L-għadd tal-fibri għandu jsir permezz ta' mikroskopija elettronika kull fejn possibbli jew bi kwalunkwe metodu alternattiv li jipprovdi riżultati ekwivalenti jew riżultati aktar preċiżi.";

(e) minnufih wara is-subregolament (6) tiegħu għandu

jiġi miżjud is-subregolament ġdid li ġej:

"(7) (a) Għal fini ta' kejl tal-asbestos fl-arja kif imsemmi fis-subregolament (1), għandhom jiġu kkunsidrati biss dawk il-fibri li jkunu itwal minn ħames (5) mikrometri, wisa' ta' inqas minn tliet (3) mikrometri u l-proporzjon bejn il-wisa' u t-tul li jkun ikbar minn 3:1;

(b) Mill-21 ta' Diċembru 2029, fibri b'wisa' ta' inqas minn żero punt tnejn (0.2) mikrometri għandhom jiġu kkunsidrati wkoll għall-finijiet tar-regolament 8(2).".

Jissostitwixxi r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

8. Ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"Applikazzjoni tal-valur ta' limitu.

8. (1) Sal-20 ta' Diċembru 2029, il-prinċipali għandhom jiżguraw li l-ebda ħaddiem ma jiġi espost għal konċentrazzjoni ta' asbestos fl-arja li teċċedi żero punt żero wieħed (0.01) fibri għal kull ċentimetru kubu (ċm^3) fuq medja ta' perjodu ponderat skont il-ħin (TWA) ta' tmien (8) sigħat.

(2) Mill-21 ta' Diċembru 2029, il-prinċipali għandhom jiżguraw li l-ebda ħaddiem ma jiġi espost għal konċentrazzjoni ta' asbestos fl-arja li teċċedi żero punt żero wieħed (0.01) fibri għal kull ċentimetru kubu (ċm^3) fuq medja ta' perjodu ponderat skont il-ħin (TWA) ta' tmien (8) sigħat f'konformità mar-regolament 7(7)(b).".

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

9. Ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(1) Meta l-limitu tal-valur rilevanti stabbilit fir-regolament 8 jinqabeż, jew jekk ikun hemm raġuni sabiex wieħed jemmen li l-materjali li jkun fihom l-asbestos li ma ġewx identifikati qabel jinbeda x-xogħol, ikunu tħarrku b'mod li ġie ġġenerat it-trab, ix-xogħol għandu jieqaf minnufih. Ix-xogħol ma għandux jitkompla fiż-żona affettwata sakemm ma jkunux ittieħdu l-miżuri xierqa għall-protezzjoni tal-ħaddiema kkonċernati.";

(b) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-

subregolament ġdid li ġej:

"(2) Meta l-limitu tal-valur rilevanti stabbilit fir-regolament 8 jinqabeż, ir-raġunijiet abbażi ta' liema l-limitu tal-valur ikun inqabeż għandhom jiġu identifikati u miżuri xierqa sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni għandhom jittieħdu mill-aktar fis possibbli.";

(ċ) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(4) Meta l-espożizzjoni ma tistax titnaqqas b'mezzi oħra u meta l-konformità mal-limitu tal-valur tirrikjedi l-ilbies ta' tagħmir respiratorju individwali protettiv, dan ma għandux ikun permanenti u għandu jinżamm għall-minimu strett meħtieġ għal kull ħaddiem. Matul perjodi ta' xogħol li jirrikjedu l-użu ta' tali tagħmir, għandom jiġu pprovduti perjodi regolari ta' mistrieħ adattati għall-kondizzjonijiet fiżiċi u klimatoloġiċi u, fejn rilevanti, b'konsultazzjoni mal-ħaddiema u, jew ir-rappreżentanti tagħhom fl-impriża jew stabbiliment, skont il-liġijiet u l-prattiki nazzjonali.";

(d) is-subregolament (5) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(5) Qabel ma jibda x-xogħol ta' twaqqigħ, ta' manutenzjoni jew ta' rinnovazzjoni fuq il-fond, il-prinċipali għandhom jieħdu l-passi neċessarji kollha sabiex jidentifikaw materjali preżunti li jkun fihom l-asbestos, billi b'mod partikolari jiksbu informazzjoni mingħand is-sidien tal-fond, minn prinċipali oħra u minn sorsi oħrajn, inklużi r-reġistri rilevanti. Jekk tali informazzjoni ma tkunx disponibbli, il-prinċipal għandu jiżgura eżami, minn operatur kwalifikat skont il-liġijiet u l-prattiki nazzjonali, tal-okkorrenza ta' materjali li fihom l-asbestos u għandu jikseb ir-riżultat ta' tali eżami qabel jibda x-xogħol. Il-prinċipal għandu jagħmel disponibbli għal prinċipal ieħor, fuq talba u unikament għall-fini tal-konformità mal-obbligu stabbilit f'dan is-subregolament, kwalunkwe informazzjoni miksuba fi ħdan il-qafas ta' tali eżami.".

10. Is-subregolament (1) tar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

(a) is-subregolament (a) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-

paragrafu ġdid li ġej:

"(a) il-ħaddiema għandu jinħarġilhom tagħmir respiratorju xieraq u tagħmir personali protettiv ieħor li għandu jiġi aġġustat individwalment, inkluż permezz ta' kontrolli ta' tiġrib tal-ħwejjeġ, f'konformità mar-Regolamenti dwar Rekwiżiti Minimi għall-Użu ta' Tagħmir Protettiv Personali fuq ix-Xogħol;"

L.S. 646.13.

(b) il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) it-tixrid ta' trab li jirriżulta mill-asbestos jew minn materjali li jkun fihom l-asbestos barra l-fond jew is-sit tal-azzjoni għandu jiġi evitat, u għal xogħol imwettaq f'post magħluq, iż-żona magħluqa għandha tkun ermetika u mgħammra b'ventilazzjoni mekkanika ta' estrazzjoni.".

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

11. Il-paragrafu (ċ) tas-subregolament (2) tar-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) meta x-xogħol ta' twaqqigħ jew tneħħija tal-asbestos ikun tlesta, l-assenza ta' riskji ta' espożizzjoni għall-asbestos fuq il-post tax-xogħol għandha tiġi verifikata skont il-liġijiet u l-prattiki nazzjonali qabel jerġgħu jibdew attivitajiet oħra.".

Jemenda r-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali.

12. Il-paragrafu (a) tar-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) Il-prinċipal għandu jdaħħal l-informazzjoni dwar il-ħaddiema responsabbli għat-twettiq tal-attivitajiet imsemmija fir-regolament 1(3) f'reġistru, li tindika n-natura u t-tul ta' żmien tal-attività u tal-espożizzjoni li għaliha ikunu ġew soġġetti. It-tabib u, jew l-Awtorità għandu jkollhom aċċess għal dan ir-reġistru. Kull ħaddiem għandu jkollu aċċess għar-riżultati fir-reġistru li jkollhom x'jaqsmu miegħu personalment. Il-ħaddiema u, jew ir-rappreżentanti tagħhom għandu jkollhom aċċess għal informazzjoni anonima u kollettiva fir-reġistru;".

Jissostitwixxi r-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali.

13. Ir-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi

sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"Prinċipali għandhom jipprovdu taħriġ.

16. (1) Il-prinċipali għandhom jipprovdu taħriġ mandatorju u xieraq lill-ħaddiema kollha li jkunu esposti, jew li x'aktarx jiġu esposti għal trab li jkun fih l-asbestos. Tali taħriġ għandu jingħata fil-bidu ta' relazzjoni ta' impjieg u kull meta jiġu identifikati ħtiġijiet ta' taħriġ addizzjonali. L-ispejjeż ta' tali taħriġ ma għandhomx jitħallsu mill-ħaddiema.

(2) It-tul tat-taħriġ għandu jkun xieraq fir-rigward tal-kompiti tal-ħaddiema kkonċernati.

(3) It-taħriġ għandu jingħata minn instructor li l-kwalifika tiegħu hija rikonoxxuta skont il-liġijiet u prattiki nazzjonali.

(4) Kull ħaddiem li jkun attenda t-taħriġ b'mod sodisfaċenti għandu jirċievi ċertifikat tat-taħriġ li għandu l-informazzjoni kollha li ġejja:

(a) id-data tat-taħriġ;

(b) it-tul ta' żmien tat-taħriġ;

(ċ) il-kontenut tat-taħriġ;

(d) il-lingwa tat-taħriġ;

(e) l-isem, il-kwalifika u d-dettalji ta' kuntatt tal-instructor jew tal-istituzzjoni li jipprovdu t-taħriġ, jew tat-tnejn li huma.

(5) Il-kontenut tat-taħriġ għandu jinftiehem faċilment mill-ħaddiema. It-taħriġ għandu jiġi adattat kemm jista' jkun mill-qrib għall-karatteristiċi tal-professjoni tal-ħaddiema u l-kompiti u l-metodi ta' ħidma speċifiċi ta' tali professjoni biex ikunu jistgħu jakkwistaw it-tagħrif u l-ħiliet meħtieġa f'dik li hi prevenzjoni u sigurtà, b'mod partikolari fir-rigward:

(a) tal-liġi applikabbli f'Malta;

(b) tal-proprjetajiet tal-asbestos u l-effetti tiegħu fuq is-saħħa, inkluż l-effett sinerġiku tat-tipjip;

(ċ) tat-tipi ta' prodotti u materjali li x'aktarx ikun fihom l-asbestos;

(d) tal-operati li jistgħu jirriżultaw f'espożizzjoni għall-asbestos u l-importanza ta' kontrolli preventivi sabiex tiġi minimizzata tali espożizzjoni;

(e) tal-prattiki siguri ta' xogħol, kontrolli u tagħmir protettiv;

(f) tal-irwol xieraq, l-għażla, is-selezzjoni, il-limitazzjonijiet u l-użu xieraq ta' tagħmir protettiv, b'mod partikolari t-tagħmir respiratorju;

(g) tal-proċeduri f'emerġenza;

(h) tal-proċeduri ta' dekontaminazzjoni;

(i) tar-rimi tal-iskart;

(j) tar-rekwiżiti ta' sorveljanza medika.

(6) Il-ħaddiema li jkunu involuti f'xogħol ta' twaqqigħ jew tneħħija tal-asbestos għandhom ikunu meħtieġa jirċievu taħriġ flimkien ma' taħriġ imsemmi fis-subregolament (5) dwar l-użu ta' tagħmir u magni teknoloġiċi sabiex iżommu r-rilaxx u t-tixrid tal-fibri tal-asbestos matul il-proċessi tax-xogħol skont dawn ir-regolamenti.".

Jissostitwixxi r-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali.

14. Ir-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"Permess mill-Awtorità.

17. (1) Qabel il-bidu tax-xogħol ta' twaqqigħ jew tneħħija tal-asbestos, prinċipal għandu jikseb permess mill-Awtorità, u għal dan il-għan għandu jipprovdi provi tal-kompetenza tiegħu f'dan il-qasam, li jista' jirrikjedi li prinċipal li jaħdem jew li jkollu l-ħsieb li jaħdem f'dan il-qasam, ikun reġistrat magħha, u b'dan il-mod, l-Awtorità tista' tiddetermina l-kriterji ta' reġistrazzjoni.

(2) L-Awtorità għandha tippubblika fuq il-website uffiċjali tagħha l-lista ta' permessi maħruġa skont is-subregolament (1).".

Jissostitwixxi r-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali.

15. Ir-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"Reġistru ta' każijiet konfermati ta' mard fuq ix-xogħol relatat mal-asbestos.

18. L-Awtorità għandha żżomm reġistru tal-każijiet kollha ta' mard fuq ix-xogħol relatat mal-asbestos li tkun saritlu dijanjożi medika. Lista indikattiva ta' mard li jista' jiġi kkawżat minn espożizzjoni għall-asbestos hija elenkata fl-Iskeda I. Għal dan il-għan, kwalunkwe dipartiment, aġenzija jew entità tal-gvern li tkun notifikata b'xi mod bl-okkorrenza ta' tali mard għandu jinforma lill-Awtorità b'tali notifika, u għandu wkoll jagħti lill-Awtorità id-dettalji rilevanti l-oħra kollha magħrufa mill-imsemmija dipartiment, aġenzija jew entità.".

16. Minnufih wara r-regolament 20 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud ir-regolament ġdid li ġej: Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

"Riżerva. 21. Dawn ir-regolamenti għandhom ikunu bla ħsara għal kwalunkwe regolament ieħor, jew għal kwalunkwe kondizzjonijiet magħmula jew imposti minn kwalunkwe awtorità kompetenti oħra f'Malta fir-rigward tal-importazzjoni, l-użu, it-trasport, ir-rimi, iż-żamma jew l-esportazzjoni tal-asbestos jew ta' kwalunkwe materjal li jkun fih l-asbestos.".

17. Il-partita 1 tal-Iskeda I li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bil-partita ġdida li ġejja: Jemenda l-Iskeda I li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

"1. L-għarfien attwali jindika li l- espożizzjoni għall-fibri ħielsa tal-asbestos tista' ġġib il-mard li ġej:

— asbestożi;

— mesoteljoma;

— karċinoma tal-pulmun;

— karċinoma gastrointestinali;

— karċinoma tal-larinġi;

— karċinoma tal-ovarji;

— mard mhux malinn fil-plewra.".